# Mariano Girada (1771 – 1823) u l-Vara ta' Marija Assunta għall-parroċċa ta' Ħal Għaxaq

**minn Sandro Debono MA**
*Kuratur tal-Mużew Nazzjonali ta' l-Arti (Heritage Malta)*



Mariano Girada (kif kien jikteb kunjomu) jista jitqies bħala wieħed mill-aktar skulturi importanti tal-bidu tas-seklu dsatax. L-importanza tiegħu tkompli tiżdied hekk kif dan l-aħħar ppublikajt informazzjoni importanti dwar iż-żmien li Mariano Girada qatta' fi Spanja u dwar il-karriera tiegħu. Issa nafu li Girada tħarreġ taħt l-Valenzjan Jose Esteve Bonet (1741 – 1802) li kien l-aktar skultur importanti f'Valencia tas-seklu tmintax. Llum għandna f'idejna dokumenti li juruna b'ċertezza li Gerada ffrekwenta l-Akkademja ta' l-Arti ta' Valencia fejn hemmhekk rebaħ numru ta' premijiet u kkompeta ma' studenti li aktar tard saru artisti magħrufin f'art twelidhom. Dan kollu jkattar bil-bosta l-importanza ta' Girada bħala skultur Malti li jdaħħal ideat Spanjoli f'art twelidu wara snin jitħarreġ ġewwa l-belt Spanjola ta' Valencia. Ġiet wkoll reveduta d-data tat-twelid ta' dan l-artist għaliex jidher li l-Girada twieled fl-1771 u mhux fl-1766 kif kien maħsub sa ftit taż-żmien ilu.

## Il-Kummisjoni tal-Vara Titulari ta' Ħal Għaxaq

Mariano Girada ħadem il-vara titulari ta' Ħal Għaxaq meta kien diġà artist stabbilit qed joqrob lejn l-erbgħin. Kien ilu li ġie lura minn Valencia madwar tlettax-il sena u mill-ħantu tiegħu f'Bormla, fejn kien jgħix mal-familja ta' ħuh l-kbir Giuseppe, kienu laħqu ħarġu numru ta' xogħlijiet. Girada kien diġà ħadem l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju għas-Siġġiewi u l-monument tal-Madonna ta-Grazzja għal Triq is-Santwarju f'Ħaż Żabbar. Iżda l-istatwa ta' Santa Katarina taż-Żurrieq kkummisjonata fl-1803 kienet għada ma tlestiex. L-istatwa titulari ta' Ħal Għaxaq, kkummissjonata minn Giovanni Farrugia f'April tal-1807 kellha titlesta sa l-aħħar ta' Lulju ta' l-1808 u Farrugia fil-fatt intrabat li jirrifjuta x-xogħol jekk ma jkunx lest fiż-żmien miftiehem. Madanakollu, x-xogħol jidher li kien diġà nbeda qabel ma sar l-att notarili. L-iskultur kien diġà ħejja disinn u buzzett qabel ma l-partijiet marru għall-ftehim miktub. Aktarx li Girada kien l-ewwel jippreżenta d-disinn għad-diskussjoni bħal ma ġara fil-kas tal-Madonna tar-Rużarju tas-Siġġiewi. Il-buzzett kien aktar jużah bħala gwida biex jimxi fuqu hekk kif jibda jnaqqax ix-xbiha. Farrugia kien ra kemm id-disinn kif wkoll l-abbozz tax-xbiha tal-Assunta u kien għadda lil Girada l-ewwel 80 skud mis-somma miftehma ta' 700 skud. Hija l-istess somma għolja li talab għall-vara titulari ta' Santa Katarina taż-Żurrieq aktar minn ħames snin qabel. Iżda jidher li l-kont tela għal 800 skud sa tliet snin wara għalkemm dawn l-ispejjeż addizzjonali setgħu saru għal xi aċċessorji meħtieġa bħal, ngħidu aħna, raġġiera. Farrugia talab wkoll l-buzzett tax-xbiha tal-Assunta li Girada kien ħejja.



*Dettall ta' id l-Assunta ta' Girada. Il-burdura max-xifer tal-komma tista' tkun originali ta' żmien Girada.*



*Il-pedistall – qabar tal-vara. L-ornament tal-panewijiet u dekorazzjonijiet oħrajn li ma jidhrux fir-ritratt huwa probabbilment xogħol Gerada*



*L-Anġlu tal-vara ta' l-Assunta ta' Ħal Għaxaq*

Kollox juri li l-intenzjoni ta' Farrugia kienet li din l-istatwa ssib postha fil-knsija parrokkjali ta' Ħal Għaxaq. Il-ħsieb jiġi sostnut fit-talba mressqa lill-awtoritajiet tal-knisja lokali fl-1811 biex il-vara ssir propjetà tal-knsija parrokkjali. Fil-fatt l-istatwa maħduma b'mod li tista titgawda minn angoli differenti waqt pruċissjoni. Ma nafux jekk Girada lestiex l-istatwa kif miftiehem għalkemm is-sena 1808 tissemma minn numru ta' studjużi bħala d-data li fiha żżanżnet l-istatwa. Jekk lesta l-vara fiż-żmien stipulat dan hu tabilħaqq kas uniku għaliex Girada rari kien jlesti fiż-żmien miftiehem. Madanakollu, jidher li t-talba lill-awtoritajiet tal-knisja tirreferi għas-sena 1810 bħala d-data li fiha l-istatwa tlestiet. Jista' jagħti l-kas li għalkemm l-istatwa tlestiet fl-1808 ma bdietx tinstilef lill-knsija qabel l-1810. L-ewwel banku jidher li sar fl-1814 mis-surmast

Vincenzo Zarb. Iżda sa dak iż-żmien li sar dan l-ewwel bankun l-istatwa kienet ġibdet d-devozzjoni lejha. Ftit xhur qabel kienet nharġet fil-knisja għat-talb u l-qima tad-devoti hekk kif qorbot il-pesta tal-1813.

L-att notarili jorbot lil Girada bir-responsabbiltà għax-xogħol kolli li kellu jsir iżda dan ma jeskludix li Girada seta' ħalla parti mix-xogħol f'idejn nies tal-fiduċja tiegħu. Il-pedistall u l-bradella setgħu fil-fatt inħadmu min-nies tal-fiduċja tiegħu. Interessanti kif fl-istess sena li tlestiet l-istatwa titulari tal-Assunta minn Girada, l-alliev l-aktar wrib ta' Girada Pietro Paolo Azzopardi )1791 – 1875) lesta l-istatwa ta' Kristu Redentur mqegħda fuq l-għolja ta' Kalamija. Skultur ieħor li dak iż-żmien seta' kien għadu qed jitħarreġ għand Mariano Girada kien Xandru Farrugia (1791 – 1871). Azzopardi u Farrugia kienu ta' l-istess età iżda kien Xandru li aktar tard ħadem fuq l-istatwa tal-Assunta għall-knisja parrokkjali tal-Imqabba fl-1836. Bħala alliev ta' Girada Xandru seta' kien jaf l-Assunta ta' Ħal Għaxaq mill-qrib forsi aktar minn Azzopardi li fl-1808 kien qed jaħdem fuq l-istatwa tar-Redentur għall-għolja ta' Kalamija. Xandru kien dak li ntrabat l-aktar mill-qrib ma' Ħal Għaxaq. Fl-1818 Xandur ġie kummisjonat vara proċessjonali tal-Madonna tar-Rużarju għall fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju ta' Ħal Għaxaq liema statwa ġiet rinovata aktar tard minn Xandru Farrugia stess fl-1848. Din l-istatwa inħadmet minn Xandru Farrugia fl-istess żmien li Girada kien għadu ħaj u kollox juri li l-Għaxqin kellhom għal qalbhom l-istil tal-iskultur Girada u xtaqu aktar xogħlijiet ta' l-istess għamla u stil. Madanakollu il-prezzijiet għoljin li kien jitlob Girada seta' wassalhom biex jippreferu x-xogħol tal-allievi.



*L-Assunta ta' l-Imqabba xogħol l-iskultur Xandru Farrugia*

## Analiżi kritika tal-Vara titulari

L-Assunta li Girada ħadem għal Ħal Għaxaq mill-ewwel serqet l-qlub u qajjmet interess. Bosta huma x-xbihat maħdumin fuqha li nsibu f'inħawi differenti ta' pajjiżna. Jsemmuha wkoll l-awturi tas-seklu dsatax li kitbu fuq Girada. Ignazio Saverio Panzavecchia jsemmiha mal-lista ta' ftit xogħlijiet li jgħid li huma ta' Mariano Girada. Ferris jfaħħar l-istatwa bil-bosta u jsemmi li nħadmet mill-iskultur famuż Mariano Girada. Jsemmuha wkoll Giovanni Faure u Pietro Paolo Castagna. Minkejja dan Girada kien intalab garanzija fuq xogħlu; kellu jirranġa d-difetti li seta' jkolla l-istatwa sa sena wara li titlesta.



*L-Irxoxt tal-Kolleġġjata ta' Bormla*

L-interess daqstant qawwi f'din l-istatwa forsi ġej mill-fatt li din kienet tabilħaqq oriġinali għal Malta. X-xbiha tal-Assunta tiġbor fiha bosta elementi li hu jislet mill-iskultura ta' Valencia. Nistgħu ngħidu li din hi l-aktar statwa minn fost dawk li ħadem Girada li toqrob lejn l-iskola ta' Valencia. Jista jagħti l-kas li minħabba li kienet kummissjoni privata Girada ma kellux l-indħil tas-soltu. Jeżisti sebħ interessanti bejn l-istatwa tal-Assunta u statwa ta' San Ġwann Nepomuk li nħadmet mis-Surmast ta' Girada Jose Esteve Bonet fl-1789 għal istituzjoni reliġjuża f'Madrid (Escuelas Pias). F'dak iż-żmien Girada kien jaħdem fil-ħanut ta' Esteve ġewwa Valencia u kien wkoll jistudja fl-Akkademja tal-Arti tal-istess belt. Ix-xaqliba u l-barma tal-figura kif wkoll l-anġlu, tipiku ħafna tal-iskultura ta' Valencia, kollha jfakkruna fil-vara titulari ta' Ħal Għaxaq. Iżda Girada jħares wkoll madwaru biex jispira ruħu, l-aktar lejn xogħol Spanjol li kien wasal Malta għexieren ta' snin qabel. Il-ħsieb li l-pedistall jkun parti shiħa mill-istatwa jidher li Gerada ħadu mill-istatwa ta' Kristu irxoxt tal-Kolleġġjata ta' Bormla, statwa meqjusa bħala Spanjola u li kienet waslet f'Bormla fl-1742. l-istatwa u l-pedistall huma aktar mwaħħdin ma' xulxin u Girada joħloq bilanċ tajjeb u armonjuż bejn il-pedistall u l-istatwa.

## Id-dehra oriġinali tal-vara titulari ta' Ħal Għaxaq

L-istatwa oriġinali li sawwar Girada ma kienetx indurata u sgraffita kif narawha llum. L-att tad-donazzjoni jsemmi statwa indurata kompluta bil-pedistall u l-bradella iżda l-istil tal-Akkademja ta' Valencia li Girada ħaddan, kif wkoll l-mod kif kienu jinħadmu l-istatwi f'Valencia ta' nofs is-seklu tmintax, jkomplu jsostnu li l-istatwa ma kienetx indurata kompletament bid-deheb kif tidher llum. Jidher wkoll li l-anġlu żgħir wieqaf ħdejn il-madonna kien marbut aktar ma' l-istatwa u jżomm it-tarf tal-mant tal-Assunta b'idu l-leminija. Din l-informazzjoni nġabret waqt ix-xogħol ta' rinovament li sar fuq l-istatwa fl-2006 u jidher fi xbihat li nħadmu fuq l-Assunta ta' Ħal Għaxaq tul is-seklu dsatax bħal, ngħidu aħna, statwa tal-ġebel li naraw fl-inħawi ta' Bubaqra fiż-Żurrieq.

Nafu biċ-ċert b'intervent importanti li sar fuq l-istatwa fil-bidu tas-seklu għoxrin għalkemm jista jagħti l-kas li saru xi nterventi oħrajn qrib nofs is-seklu dsatax. Il-kotba tal-kotnijiet fl-arkivju parrokkjali jagħtuna ħafna informazzjoni dwar ħlasijiet li sar għal xogħol ta' skultura, xogħol ta' pittura (karnaġġjon?) mill-pittur Taljan Attilio Palombi, xogħol ta' induratura fuq l-istatwa maħdum mill-induratur Francesco Coleiro u par għajnejn ġodda għall-anġlu. Il-ħlas baxx li jitlob l-induratur Coleiro jurina li seta' ma reġax indura kollox mill-ġdid filwaqt li l-ħlasijiet għal skultura probabli li jkopru d-dekorazzjoni li għadna naraw sal-lum fil-panewijiet tal-pedistall.

## Konklużjoni

Din l-informazzjoni titfa dawl ġdid fuq l-istatwa titulari tal-Assunta. Tagħraf l-istil uniku tagħha minsuġ ma' l-iskola ta' Valencia u tiddiskuti l-effett li ħallew il-bidliet li saru tul iż-żmien fuq din l-istatwa hekk importanti. Tabilħaqq,

l-istatwa tal-Assunta hija xhieda ta' ħidmet skultur Malti li ħalla ismu mnaqqax f'tant opri ta' kalibru li għadhom jitgawdew f'Malta.

Din l-informazzjoni inghatat f'konferenza fuq l-iskultur Girada li saret fl-Uffiċju Ċentrali ta' Heritage Malta u li parti mill-informazzjoni diskussa dak in-nhar qeghda tiġi ppublikata hawnhekk ghall-ewwel darba.

A(rkivju) N(otarili) V(alletta), M. Troisi Menville, 26 ta' April 1807, fols 877 – 879v. Ara wkoll J. Debono, 'L-Istatwa tal-Assunzjoni ta' Hal Ghaxaq u l-Iskultur Taghha, f'Programm Festa Santa Marija, Ghaxaq, 2006.

Ibid. "...secondo il diesgno, e modello gia visto..."

A. N. V., Nikola Azzopardi, 23rd June 1803, fols. 209 – 211v. Ara wkoll E.F. Montanaro, L-Iskultur Mariano Gerada (1766 – 1823) in Lehen is-Santwarju, Żabbar, malta, 1988; Montanaro E.F., Mariano Gerada (1766 – 1823): 'The People's Sculptor' in The Sunday Times. 25 ta' Awwissu, 1985.

A.N.V., P.P. Farrugia, 26 ta' Ġunju 1803, fol. 426. Ippublikat f'Mangion A., Zerafa K., Santa Katarina: Il-Festa u s-Soċjetà Mużikali Taghha fiż-Żurrieq, Malta, 1989.

Din ir-riferenza tindika li l-buzzett ta' l-istatwa titulari tal-Assunta kien, ta' l-inqas ghal xi żmien, ghand il-familja ta' Farrugia. A.P. Gh., M. Troisi Menville, 26 ta' April 1807, fols. 877–879v. '*...Piu che determinata l'opera suddetta il detto Signor Gerada sara tenuto dare, e consegnare gratis al suddetto Gio. Maria Farrugia il modella di detto Immagine...*'

A.N.V., Massimliano Troisi Menville, 29 ta' Lulju 1812, fol. 1650v–1653. Rikors anness ma' l-att notarili datat 15 ta' Novembru 1811. '*...espone d'aver sin dall'anno scorso fatto l'immagine della Beata Vergine Maria sotto titolo dell'assunta...colla mira ed intentione di arne il donattivo a favor della Vinerabile chiesa parrochiale...*'

Ara nota 7.

Ara A(rkivju) P(arrokkjali) Gh(axaq), Veneranda Lampada, Esito Diverso 1798 – 1820, fol.40. Tissemma wkoll linfa li kienet tiddendel quddiem l-istatwa. A(rkivju) P(arrokkjali Gh(axaq)., Veneranda Lampada, 1798 – 1820, fol. 40. Fl-1883 saret bradella ġdida mhallsa mill-benefatturi Felice u Marija Calleja. Ara A.P.Gh., Libro Esito della Vnda. lampada, Esito Libero, Libro R., Nota fol. 93.

A.P.Gh., Liber Alis in quo sequentur adnotationis Mortuorum, Adulorum et Panulorum 1800 – 1814, fol.38v. '*...l-immagine di Maria Vergine assunta al cielo, la quale un giorno prima la espigi (esibi) nella chiesa come nostra protettrice, ebbe diversi doni d'oro d'argenti, di denaro, ed una quantità grande da (di) candele, perche le si accendessero d'inanzi di continuo*'.

A.P.Gh., Libro Introito ed Esito della Fabbrica della Chiesa del Sso. Redentore, fol. 17, 'Ad Perpetuam Rei Memoriam', '*...nel 1808 venne messa la statua di Gesu Cristo con la croce su le spalle opera del Maestro Paolo Azzopardi della Cospicua allievo del Sign. Mariano Gerada esimo scultore della scuola Spagnuola nato nel Tarxien il 7 Maggio 1766 marto a Malta nel 1823. Tale opera costa al mentovato Sign. Zammit scudi cinquecento e cinquanta.*'

A.N.V., Not Troisi Menville, 30 ta' Ottubru 1835, fols. 726-728v. Ferris, 454. '*Fra gli oggeti di mediocre merito ci piace di accenare la statua portatile dell'assunta eseguita da Alessandro Farrugia del Zeitun nel 1836 su modello dell-altra di casal Astack opera di Mariano gerada.*' Ara wkoll J. Debono, L-istatwa Titulari ta' Hal Tarxien u l-Iskultur Taghha, Harġa Speċjali Fuljett Parrokkjali, Festa 2006, 7-17.

A.N.V., Nutar Troisi Menville, 25 ta' ottubru 1818, fols. 461-462v. Ara wkoll J. Debono, May 2006, 7-17. R-renovazzjoni tal-istatwa sehh fl-1848. A.P.Gh., Libro della Fratellanza: De Nomi de Ministri ed Annualità de Fratelli del SS. Rosario della Beata Vergine, folji mhux numerati fl-ahhar volumm. *Canto degli Introiti ed Estiti per la Vara del Ssmo Rosario, Ad Alessandro Farrugia per la ristaurazione della vara e per un pedistallo: 82 scudi, 8 grani, 1 tari, Al Mro paolo Schembri per indoratura e pittura: 130 scudi*

Arkivju tal-Kattidral Mdina, Pan 79, Fondo Panzavecchia, f. 161r.

Ferris A., Descrizione Storica Delle Chiese d Malta e Gozo, Malta, 1866, 498, '*La statua portatile della B.V. assunta e celebre opera del nostro bravo scultore Mariano Gerada fatto nel 1808 a spese di Maria Farrugia.*'

Faure G., Storja ta' Malta u Ghawdex bil-Gżejjer Taghhom, 4 Vols. Malta, 1911, 1119.

P.P. Castagna, Malta bil-Gżejjer Taghha u li Ghadda Minghaliha, 1865, 204.

A.N.V., Massimiliano Troisi Menville, 29 ta' Lulju 1812, fol. 1650v–1653. '*...Piu che detto Signor Girada sara tenuto, siccome promette, e s'obbliga accomodare tutti quel difetti, che occorreranno nella suddetta Immagine persino il corso d'un anno contabile...*'

Hajr lill-induratur Horace Farrugia tal-opportunità li taghni biex neżamina l-istatwa waqt ix-xoghol li sar fuqha fl-2006.

Hajr lil Dun Anġ Vella ghall-informazzjoni verbali dwar l-intervent ipotetiku ta' nofs is-seklu dsatax.

A.P.Gh., Libro R, fol. 115. 'Allo Scultore della Vittoriosa Emle. Zammit, 4 liri.'

A.P.Gh., Libro R, fol. 115. 'Al Pittore Palombi, 2 lire.'

A.P.Gh., Libro R. fol. 114. 'All'indoratore della statua acconto (Coleiro), 24 lire.'

A.P.Gh., Libro R., fol. 114. 'per un paio di occhi per l'angelo di S. Maria, 0, 2, 0.'

## Dok. 1

*Kuntratt bejn Gio. Maria Farrugia minn Hal Għaxaq u l-iskultur Mariano Gerada biex jiskolpixxi statwa fl-injam li tirrappreżenta l-Assunzjoni tal-Madonna, u din sa l-aħħar ta' Lulju 1808 għall-prezz ta' 700 skud, 26 ta' April 1807.* ANV, Nut. M. Troisi Menville, R 460/10, ff. 877-879$^{v}$.

(f. 877) (Fil-marġni) Obligatio pro Giovanni Maria Farrugia contra Dominum Marianum Gerada

Adi detto venti sei Aprile Decima Indizione
dell'anno Mille otto cento sette sivè 1807

Personalmente costituito in presenza di me Notaro, e Testimoni infrascritti il Signor Mariano Gerada del fu Antonio, abitante nella Città Cospicua, da me Notaro conosciuto, spontaneamente promise, e promette, e sollennemente si è obbligato, e s'obbliga verso Gio Maria Farrugia del fu Giovanni di Casal Asciach, da me Notaro anche (f. 877$^{v}$) conosciuto, presente, e stipolante di dover costruire un Immagine di legno della B.V.M. sotto titolo dell'Assunta fornita di totto ciò che sarà necessario col suo piedestallo, bradella, ed indoratura, e secondo il disegno, e modello già visto, ed osservato dal suddetto Gio Maria Farrugia, od altri, e ciò per sino tutto il mese di Luglio primo futuro del corrente anno 1807 senza veruna contradizione etc.

Attesa la qual obbligazione il suddetto Gio Maria Farrugia spontaneamente offerì, od offre al riferito Signor Mariano Gerada stipolante ed accettante la somma di scudi sette cento di tarì 12 er (f. 878) scudo, de' quali scudi 700 il medesimo Signor Gerada spontaneamente dice, e confessa d'aver avuto, e ricevuto dal predetto Farrugia stipolante la somma di scudi ottanta di detta moneta in danaro contante Renunciando etc.

E per tal causa etc.

Li restanti scudi sei cento venti per compimento di detti scudi 700 il prenominato Gio Maria farrugia spontaneamente promise, e promette, e sollennemente, si è obbligato, e s'obbliga dar, e pagare al detto Signor Mariano Gerada stipolante, come banco in denari effettivi in questa Terra (f. 878$^{v}$) Zeitun in quanto a scudi due cento settanta li 31 dell'entrante mese di Maggio, ed in quanto li restanti scudi tre cento cinquanta subito, che sarà terminata l'Immagine suddetta, senza veruna contradizione.

Sotto l'infrascritta patto che quante volte il suddetto Signor Mariano Gerada non terminerà l'opera suddetta persino il detto mese di Luglio primo futuro, allora, ed in tal caso sarà lecito al predetto Gio Maria Farrugia di non prendere la medesima Immagine sotto verun pretesto, o causa, ed esso Signor Gerada sarà tenuto restituire al medesimo Farrugia tutte le somme di danaro che avrà (f. 879) sin allora ricevto a conto di detti scudi 700 senz'eccezione alcuna etc. Più che terminata l'opera suddetta il detto Signor Gerada sarà tenuto dare, e consegnare gratis al suddetto Gio Maria Farrugia il modello di detto Immagine, senza veruna constradizione etc. Piu che detto Signor Gerada sarà tenuto, siccome promette, e s'obbliga accomodare tutti quel difetti, che occorreranno nella suddetta Immagine persino il corso d'un anno contabile dak giorno della consegna della medesima Immagine senz'eccezione alcuna etc.

tutte le quali cose etc.

(f. 879$^{v}$) Avendo giurato etc. Onde etc.

Fatto in Malta nella Terra Zeitun in presenza delli Signori Antonio Ellul del fu Michele, ed andrea Falzon del fu Giuseppe di detta terra Zeitun, Testimonii.

= Io Mariano Gerada = Gio Maria Farrugia = Antonio Ellul Testimonio = Andrea Falzon altro etc.

